



ANNA U ALEX JGĦASSU GĦALL-FLUS FOLOZ



Anna u Alex qegħdin fl-istess klassi u huma tneib mill-aqwa. Dejjem isibu ruħhom f'avventuri eċċitanti. Illum mhuvwix eċċezzjoni.

Anna: "Alex, ieqaf! Ħares hemmhekk! Naħseb li Philip jinsab fl-inkwiet!"

Alex: "Iva, għandek raġun. Milli jidher għandu xi problema mal-pulizija."

Philip m'għandu ebda tneib x'qiegħed jigr. "M'iniex nigdeb!" jgħid lill-pulizija. "Xi tadd tani dawn il-flus. Ma kontx naf li qiegħed nagħmel ħaġa ħażina."

Anna: "Atjar immorru tdejjhom u naraw x'qiegħed jigr. Il-lavrant tal-tanut tal-elettronika jidher imbaqbaq. Żgur kien hu li ċempel lill-pulizija. Taħseb li Philip inqabad jisraq?"

Alex: "Ma natisibx li Philip jasal biex jisraq. Ikolli ngħid li l-kwistjoni għandha x'taqsam mal-karti tal-flus. Ara, il-pulizija qegħdin iħarsu lejn karta tal-flus kontra d-dawl. Nittama li Philip ma ppruvax jixtri xi ħaġa bi flus foloz. Ejja naraw nistgħux inkellmuh."





Philip: "Għandi b'żonn l-għajnvna tagħkom!
Ommi u missieri joqtluni jekk isiru jafu li
dħalt fl-inkwiet mal-pulizija. Ma nafx x'inhu
jiġri. Toni Brikku tani xi flus u talabni
mmur nixtrilu. Sirt nafu mill-internet.
Tgħidx kemm hu minn tagħna. Diegħed
indanru l-post għax mhuviex minn hawn."

Anna tibqa' miblugħa għal flit sekondi
u mbagħad tinfexx tgħajjat, "Imma fejn hu
moħħok, Philip? Ma rajthiex stramba li
xi ħadd ma tafux minn Adam tak il-flus
hekk?"

Philip: "Le. X'fiha ħażin? Għamiltlu pjaċir,
u kien se jħallasni talli qdejt. Toni tani tliet
karti ġodda tal-20 ewro biex nixtrilu logħba
elettronika. Kulma kelli nagħmel kien li
nagħtih il-logħba u l-bqija. Ta' dan, wegħedni
ħames ewro."

Anna u Alex ifiehm u lil haħibhom kif kien daħal f'naħba: il-karti tal-flus x'aktarx li kienu foloz. Kienet logħba ta' bniedem
makakk: bis-saħħa tal-flus foloz, Toni Brikku mhux biss kien se jdaħħar il-bqija f'karti u muniti tal-ewro tajbin iżda wkoll
logħba elettronika ġdida! Anna u Alex jindunaw li Philip sab ruħu f'taħxa u jaqgħuħa li jgħinuħ.

Bl-għajnvna tal-pulizija, iħejju naħba għal
Toni Brikku għax jibżgħu li jista' jħajjar
żgħażgħ oħra jużaw karti tal-flus foloz.
Il-pulizija qegħdin jissuspettaw ukoll li wara
dan il-pjan seta' jkun hemm għaqda kriminali
kbira li tingeda b'żgħażgħ biex iddaħħal flus
foloz fiċ-ċirkolazzjoni.

Anna u Alex jaħdmu id f'id mal-pulizija u
jirnexxilhom isibu lil Toni Brikku permezz
ta' chatroom fl-internet. F'kemm trodd
saħib jiftiehem biex jiltaqa' magħhom.



Meta Anna u Alex jiltaqgħu ma' Toni, jittlobhom jixtrulu loġħba elettronika u jagħtihom il-flus. Anna toħroġ karta tal-flus tajba mill-portmoni tagħha u tqabbilha ma' dawk li jkun taħom Toni.

"Dawn foloz!" tgħajjat Anna. Toni Brikk u jinduna li kienu nasbuh, u jitleq jigrì.



B'xorti tajba, il-pulizija jkunu fil-qrib u jitleq għal warajh. Meta jaqbduh, ikollhom jissieltu miegħu sakemm ilibbsulu l-manetti. Anna u Alex jietdu nifs qawwi hekk kif jaraw lil Toni arrestat u miġbur f'karozza tal-pulizija.

Wara din l-avventura, il-Bank Ċentrali Ewropew jippremjja lil Anna u Alex għas-sehem tagħhom biex jinqabad Toni Brikk.

Anna: "Grazzi ħafna, iżda kienu l-pulizija li qabdu l-klika li kienet qiegħda tistampa l-flus foloz. Kulma għamilna kien li qabbdniehom tarf il-kobba."

Alex: "Atna ma ridniex tliet ngħinu lil Philip, li daħal fin-nassa ta' Toni Brikk bla ttiġa. Fortunatament, Toni ħa li ħaqqu u issa jinsab il-ħabs."

Wara l-ċerimonja tal-premjazzjoni, Anna u Alex jiltaqgħu ma' Philip fil-wirja dwar l-enro organizzata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Philip: "Grazzi mill-ġdid. Intom tbiab ta' veru! Smajt li Toni Brikk stqarr kolli u li l-istamperija illegali fejn kienu qiegħdin jagħmlu l-karti tal-flus foloz ingħalget."

Anna: "Prosit! X'atbar tajba dik! Se nikteb xi ħaġa dwarha fil-paġna Facebook tal-iskola tagħna."

Alex: "Sieħbi Philip, messek qgħadt iżjed attent. Trid toqgħod b'seba' għajnejn ma' min tikkellem fl-internet. U taf li m'għandekx taċċetta flus mingħand min ma tafux!"

Anna: "Issa biżżejjed, Alex. Kulħadd jiżbalja."

Philip: "Iva, dażgur. Tgħallimtha l-lezzjoni li jekk nuża karti tal-flus foloz inkun qiegħed nikser il-liġi u nista' nidħol f'inkwriet kbir!"





Wara li taqra t-tagħrif dwar il-karti u l-muniti tal-ewro fil-wirja, Anna tgħidilhom, "Marsu 'l hawn! Ara kemm hi taġa taġa tagħraf karta tal-ewro tajba minn oħra falza. Kulma trid tagħmel hu li tiċċekkja tliet affarijiet. Ibda billi tħoss il-karta tal-flus. Trid tkun tqarqaċ u tindhass eħxen f'xi partijiet. Imbagħad, ħares lejn il-watermark kontra d-dawl. Wara, mejjel il-karta tal-flus biex tara l-effett tad-dawl fuq l-ologramma u n-numru aħdar żmerald."

Alex: "Anna, tibqax tkellimna bħallikieku aħna xi esperti. Tista' tfissrila dak kollu li għadek kemm għedt b'Malti taħfi, jekk jogħġbok? Kif indunajt li l-karti tal-flus ta' Toni Brikku kienu foloz, sempliċement billi ħarist lejhom kontra d-dawl?"

Anna: "Kont qiegħda niċċekkja l-watermark. Marsu senw. Meta żżomm karta tal-ewro mill-ġodda kontra d-dawl, għandek tara lill-Prinċipessa Enropa."

Philip: "Min?"

Anna: "Enropa hija prinċipessa tal-mitoloġija Griega. Il-kontinent Enropew huwa msemmi għaliha. Il-karti tal-ewro l-ġodda kollha fihom ix-xbieha ta' tagħha fil-watermark u fl-ologramma. Fil-karta l-ġdida tal-20 ewro, Enropa tidher ukoll f'niċċa għaliha fl-ologramma, magħrufa bħala t-tieqa bil-wiċċ."

Alex u Philip: "Ologramma? Tieqa bil-wiċċ? Issa tassew m'atniex nifhmuk!"

Anna: "Qatt ma rajtu dik l-istrixxa tleqq lewn il-fidda fuq karta tal-flus? Dik hija l-ologramma. Araw x'jiġri meta tmejjel il-karta tal-flus 'il quddiem u lura. Le, ma trid ix-xejjirha 'l hawn u 'l hinn! Hekk, bil-mod! Qiegħdin taraw ix-xbihat kif jinbidlu? U ħarsu lejn in-naħa ta' fuq tal-ologramma."



Kif tindhass il-karta
Il-karta tindhass tqarqaċ,
soda u eħxen f'xi partijiet.

Watermark
Żomm il-karta tal-flus
kontra d-dawl: għandek
tara xbieha tal-Prinċipessa
Enropa.

Numru aħdar żmerald
Mejjel il-karta tal-flus
biex tara l-effett
tad-dawl fuq in-numru.

Ologramma
Mejjel il-karta tal-flus
u ara x-xbihat jinbidlu
fl-istrixxa lewn il-fidda.

Tieqa bil-wiċċ
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl
u ara kif it-tieqa fin-naħa ta' fuq
tal-ologramma ssir trasparenti.



Alex: "Il-laħwa! Issir trasparenti meta żżommha kontra d-dawl. Qisha tieqa u fiha hemm xbieha ta' wiċċ Enropa."

Philip: "X'inhw dak in-numru jleqq in-naħa t'isfel fuq ix-xellug? Qisni rajtu jibdel il-kulur fid-dawl meta kont qiegħda tmejjel il-karta tal-flus."

Anna: "Dak huwa n-numru aħdar żmerald. Bis-saħħa tiegħu u ta' karatteristiċi oħra ta' sigurtà, il-karti tal-ewro huma mħarsin aħjar u tista' tiċċekkja hom faċilment."

Philip: "Qatt ma tajt kas! Wara l-avventura li għaddej minnha, żgur se noqgħod taħna iżjed attent meta jkolli karti tal-ewro f'idejja! Mhijiex daqshekk diffiċli, wara kollox."





www.karti-godda-tal-euro.eu



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA